SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 08/KA2/15

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 17/02/15** **49**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 17/02/15** **59**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: (1) Is-Sindku s-Sur Peter Bonello

1.05 Assenti: (1) Il-Membru Richard Scicluna

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (2)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-11 ta' Frar 2015. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Ħruġ ta' Permessi
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
7. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 07/KA2/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Membru Maria Dolores issekondatu.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P43 Talba sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 135, Triq Spinola.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P 43**

2.02 Saret riferenza għat-talba sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 135, Triq Spinola. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv Paceville ma jsibx oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa tal-Awtoritajiet kompetenti u li jiġu osservati l-kundizzjonijiet kollha tagħhom.

**3 Ħruġ ta' Permessi**

3.01 Il-Kumitat reġa' ddiskuta din il-materja u reġgħet saret riferenza għall-korrispondenza P458/14, P446/14 u P478/14.

3.02 B'riferenza għat-talba tas-Sur Philip Attard (Inc. P458/14) ġie deċiż unanimament li temporanjament jinħarġu l-permessi skont id-deċiżjoni preċedenti, u li għalissa jitwaqfu t-taħdidiet l-oħra kollha li kienu ser jiġu diskussi.

3.03 Fir-rigward it-talba tas-Sur Jeffrey Cutajar, (Inc. P446/14) ġie deċiż unanimament li mhux aċċettat li jarma fit-taraġ. Madanakollu jiġi nfurmat li l-permessi li joħroġ il-Kumitat huwa skond il-Leġislatura Sussidjarja 441.04 u għalhekk għandu jkun ċar fit-talba tiegħu.

3.04 Dwar it-talba tas-Sur Chris Griffiths, (Inc. P478/14) ġie deċiż unanimament li jintalab aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu.

**4 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Ma kienx hemm komunikazzjonijiet.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Ċermen issekondah.

5.04 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn il-Membri Joe Oliva u Maria Dolores Falzon astjenew. Dan għar-raġuni li ma jridux jerfgħu responsabilita' fuq il-pagamenti li jsiru. Filwaqt li l-Membri l-oħra qablu mal-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.05 Din il-mozzjoni għaddiet.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru.323 sa nru.324 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn nru. 323 sa nru. 324.

6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Aġġornament tal-laqgħa**

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar Tlieta 24 ta' Marzu 2015 fis-2.00pm.

7.02 Il-laqgħa ntemmet fit-2.35pm.

| | |
|---|---|
| **Albert Bonello Ghio** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |